# Għall-ewwel ma rajt xejn ħlief

# bżieżaq ...

## Kapitlu 1

# Kullimkien bżieżaq

Imbagħad bdejt nisma' d-daħka ta' Fidelja u t-twerżiqa ta' ommi,

"Jake fejn int ruħi? Jake?" U l-kantaliena ta' Defdemola.

Ma kellix idea minn fejn kienu ħerġin dawn il-bżieżaq kollha. Li naf hu li wara li xrobt mill-flixkun li tani Teodoro,

il-kamra mtliet bil-bżieżaq. Mhux xi għaxra jew għoxrin bużżieqa jekk qed taħseb hekk! Imma kien hemm xi elf bużżieqa trasparenti u kollha bdew jagħfsu miegħi u kienu għoddhom għaffġuni meta ħassejt id taqbad lil tiegħi, imbagħad vuċi rqiqa li għaraftha mill-ewwel.

Il-vuċi ta' Ambrożja:

"Jake issa agħlaq għajnejk u taħseb f'xejn iktar. Agħlaq għajnejk."

U hekk għamilt, għalaqt għajnejja u għafast id Ambrożja.

## Kapitlu 2

# Skiet abjad

Dik kienet l-ewwel ħaġa li ħassejt. Is-skiet. Għax filli kien hemm ħafna storbju u filli ma bdejt nisma' xejn. Imbagħad ftaħt għajnejja u rajt lil Ambrożja ħdejja.

"Fejn ġibtni?" staqsejtha.

"Qegħdin f'bużżieqa li ma jista' jaraha ħadd."

"Imma kif? Fejn ġibtni? U ommi? U Defdemola? Ħallejthom hemm?"

"Int u jien biss nistgħu nsalvaw ir-Renji kollha mir-Reġina Fidelja."

"Jien m'jien nara xejn. Fejn ġejna?"

"Għadna fil-kamra tas-sodda tiegħek. Tiftakar? Imtliet bil-bżieżaq wara li xrobt dak il-likwidu li tak Teodoro. Għalhekk